**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 137/2017**

**TQ u FQ ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-12 ta' Gunju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn, fost affarijiet ohra, l-ilmentaturi jissottomettu:

Illi huma garrbu telf ta' €3,700, fl-*SNS Subordinated Bond* flimkien mal-imghax.

Illi l-prodott inbiegh b'mod abbuziv taht is-servizz *promote and sell*, haga li l-provditur tas-servizz ma setax jaghmel skont ir-regoli tal-*MiFID* peress li l-ilmentaturi ma kellhomx it-taghrif u l-esperjenza dwar dan it-tip ta' investiment u, minghajr dubju, dan l-investiment inghata fuq il-parir tal-provditur tas-servizz.

Illi l-provditur tas-servizz ma mexiex b'mod gust, ekwu u ragonevoli ghaliex, fost affarijiet ohra, l-investiment kien kumpless u ta' riskju gholi, ma kienx *appropriate* jew *suitable* ghalihom.

Illi, b'nuqqas ta' *bona fede*, hadilhom dikjarazzjonijiet fuq dokumenti *standard form* minghajr ma gew spjegati lilhom u kien fihom dikjarazzjonijiet kuntrarji ghal dak li kien intqal lilhom mill-provditur tas-servizz.

Illi l-provditur tas-servizz zamm mistur ir-riskji abbinati ma' *subordinated bonds.*

Illi l-provditur tas-servizz agixxa b'nuqqas ta' hila u bi traskuragni, negligenza u negligenza grossolana, *culpa lata* u *recklessness* fit-twettiq tal-inkariku kuntrattwali tieghu;

Illi b'dan il-mod ikkommetta *investment misselling.*

Illi l-*SNS* ma kienx jaqbel ghac-cirkostanzi partikolari tal-ilmentaturi u lanqas mal-objettivi finanzjarji taghhom, mal-*loss absorption capacity* taghhom u lanqas mal-attitudni tar-riskju taghhom.

Illi dan kollu wassal ghat-telf ta' flus li l-ilmentaturi garrbu.

Ghalhekk qed jitolbu li jergghu jigu mpoggija fis-sitwazzjoni taghhom qabel m'ghamlu l-investiment u jinghataw hlas ta' €3,700 flimkien mal-imghaxijiet relattivi.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid**:

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa allegat telf ta' kapital fir-rigward tal-*SNS Subordinated Bond* qed jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi l-esponenti hija biss intermedjarju, u ghaldaqstant ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investiment li seta' garrab;

2. Illi l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabbiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

3. Illi hemm kunflitt lampanti, u inkompatibilità bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital u t-talbiet fl-ilment – l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital investit fl-*SNS,* mentri t-talbiet jirrigwardaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet igorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta – u, ghaldaqstant, it-talbiet tal-ilmentaturI m'ghandhomx jintlaqghu;

4. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti naqset milli tispjega n-natura tal-prodott tal-*SNS* u, fil-fatt, l-agent in kwistjoni, *cioè*, Wallace Falzon, kien spjega li l-investiment kien '*Junior bond'*. Anke fir-rigward tan-natura tal-bejgh tal-prodott, l-esponenti tiddikjara li l-ilmentaturi kienu jafu li l-prodott kien qed jigi mibjugh a bazi ta' *promote & sell.* Dan ifisser illi s-socjetà ma tat ebda servizz ta' '*investment advice'* u/jew '*portfolio management*' lir-rikorrenti. Is-servizz li offriet kien biss ta' promozzjoni u bejgh tal-prodotti msemmija illi qieset idoneji ghar-rikorrenti wara li wettqet l-'*appropriateness test'* relattiv;

5. Illi dan ma kienx l-ewwel investiment ghall-ilmentaturi. Di fatti ma hemmx dubju li l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabbiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

6. Illi l-ilmentaturi kellhom dik l-*experience* u *knowledge* fit-tip ta' investiment relevanti ghall-prodott jew servizz li inghata. Di fatti, l-esponenti analizzat jekk il-prodott jew servizz kienx *appropriate* u di fatti rrizulta li kien;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizz-azzjoni tal-*SNS NV Bank*, u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala '*casus*';

8. Illi ai fini tat-tieni (2) talba, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ma hux minnu li l-eccepjenti ma agixxietx sew, jew agixxiet bi ksur ta' xi obbligi inkluz dawk kontrattwali fil-konfront tal-ilmentaturi u l-eccepjenti tichad fermament l-allegazzjonijiet illi l-agir taghha jikkostitwixxi '*negligenza grossolana, culpa lata u recklessness*' u li hija hatja ta' *investment misselling* u, ghaldaqstant, m'ghandhiex tinsab responsabbli ghal ebda danni fil-konfront taghha;

9. Illi ai fini tat-tielet u tar-raba' talba u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, is-socjetà esponenti mhix responsabbli ghal ebda kumpens tal-kapital originali investit ghar-ragunijiet spjegati f'din ir-risposta;

10. Illi l-esponenti jichdu bl-aktar mod kategoriku li kien hemm qligh frawdolenti, illecitu u illegali u fir-rigward tal-hames talba, jigi eccepit illi din hija insostenibbli stante b'kull dovut rispett dan l-Onorabbli Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-ligi illi jillikwida danni pretizi minn allegat ksur regolatorju. Illi ma hemmx dubju li l-allegazzjonijiet maghmula jgorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta – u ghaldaqstant it-talba tal-ilmentaturi m'ghandhiex tintlaqa';
11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-ilmentaturi.**

**Ra li ghall-provditur tas-servizz ma xehed hadd.**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjoni li l-Provditur tas-Servizz mhux il-Legittimu Kontradittur***

Il-provditur tas-servizz jghid fir-risposta tieghu li, galadarba l-ilmentaturi qed jghidu li garrbu telf fuq il-kapital fl-*SNS*, il-provditur tas-servizz mhux il-legittimu kontradittur peress li ma kienx hu li ggestixxa l-investiment u kien biss intermedjarju.

L-Arbitru ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni ghaliex l-ilment mhuwiex li l-provditur tas-servizz iggestixxa hazin l-investiment imma li l-provditur tas-servizz biegh lill-ilmentaturi prodott hazin ghaliex ma kienx addattat ghar-riskji li riedu jiehdu u kien ingannahom meta huma riedu prodott b'kapital sikur u l-prodott li inghatalhom ma kienx b'kapital garantit.

M'hemm l-ebda dubju li kien hemm relazzjoni guridika bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz. Kemm mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, bhall-*Purchase Contract Note* u l-*File Note,* tirrizulta relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Il-provditur ma ressaq l-ebda provi biex jissustanzja din l-eccezzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

L-ilmentaturi jghidu li garrbu telf fuq il-prodott *SNS.*

***Analizi tal-SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013 b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni.**

**Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

[1] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu. Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Kif inbiegh il-Prodott lill-Ilmentaturi**

F'dan il-kaz, l-Arbitru ghandu verzjoni wahda ghaliex ghandu biss l-*affidavits* tal-ilmentaturi.

L-ilmentatrici, FQ, qalet fl-*affidavit* taghha[2] illi hija kienet mara ta' ftit skola u hadmet bhala *factory girl* u bhala *child carer* fi skola tat-tfal zghar.

Meta kellimhom Wallace Falzon biex jinvestu, huma ma kellhomx esperjenza fl-investiment kif kiteb il-provditur tas-servizz. Anke d-dokumenti li ffirmaw ma kinux jafu x'fihom, u saru jafu bihom biss wara li ntalbu mill-*MFSA* fi Frar 2016.

Wallace Falzon kien mar id-dar taghhom fl-2009, u qalilhom li kellu pakkett ta' investimenti tajjeb ghalihom. Meta staqsihom xi flus kellhom qalulu li kellhom polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja mal-*MSV* u qalilhom biex jifduha.

Qalilhom li jiehu hsieb il-giri hu u jigbor ic-cekk mill-*MSV* hu. Zied li l-investimenti li kien ser idahhalhom fihom hu kienu ferm ahjar. Hareg il-karti u ffirmawlu biex

[2] *A fol.* 60-61

tkun tista' tigi ceduta l-polza u Wallace Falzon gabar ic-cekk ta' €3,272.50, u mar lura ghandhom biex izidu xi flus kontanti maghhom u tahom ricevuta ghas-somma ta' €3,500.

Ma spjegalhomx xi jfissru *Execution Only/Promote and Sell*. L-ewwel li nvestielhom flus kienu fil-*MAN AHL* u qatt ma tahom karti dwaru. L-ammont kien ta' €3,500, u wara kien hu stess li qalilhom sabiex jaqlebilhom dan l-investiment fis-*Secure Capital* ghax l-investiment ta' qabel ma kienx sejjer tajjeb. Huma qaghdu fuq il-parir tieghu u ghamlu dak li qalilhom u, ghal darb'ohra, ma tahomx dokumenti dwaru.

Rega' zarhom u qalilhom li lanqas it-tieni investiment ma kien sejjer tajjeb u kien ser idahhalhom f'investiment tal-aqwa bank fl-Olanda li kien l-*SNS Bank*. Qalilhom li kien irnexxielu jixtri dan l-investiment bl-irhis u, ghalkemm ihallsu €3,700, kien ser ikun jiswa €4,000.

Il-kelma *'subordinate bond'* qatt ma ssemmiet u l-ebda riskju dwar l-investiment ma ssemma'. Hadilhom il-firem fuq il-karti u ma tahomx kopja taghhom. Wara rcevew il-*Purchase Contract Note.*

Meta falla l-investiment, Wallace Falzon, cempel lir-ragel taghha li kien fuq ix-xoghol u meta cemplilha zewgha kienet ser tiggennen. Wara li kitbet kif taf hi lil *All Invest,* ghamlu ilment mal-*MFSA.* Wara xi tliet snin, l-*MFSA* tawhom ragun izda *All Invest* ma ridetx taccettaha u ma seta' jsir xejn.

Qatt ma qalulhom x'kummissjoni kienu qed jiehdu tal-*All Invest* ghalkemm gieghluhom jiffirmaw dan.

L-ilmentatur ikkonferma dak li qalet martu,[3] u zied li hu ma kienx tghallem skola u tghallem il-*woodwork* u hadem ta' mastrudaxxa u hadem ukoll ta' *machine operator.*

Wallace Falzon kien cempillu fuq ix-xoghol u qallu li l-flus tal-*SNS* kienu ntilfu tort tal-Gvern Olandiz, u dan kien sehh xi xahar u nofs qabel. Hu dlonk cempel lill-mara tieghu biex jinfurmaha.

[3] *A fol.* 62

L-Arbitru jinnota li l-verzjoni tal-ilmentaturi mhix kontradetta b'xi xhieda tal-provditur tas-servizz u lanqas sar kontroezami taghhom.

Minn dak li xehdu, l-Arbitru m'ghandux raguni ghalfejn ma jemminhomx.

Jirrizulta mix-xhieda taghhom illi l-provditur tas-servizz ma kienx mexa b'*bona fede* meta qalilhom jiffirmaw dokumenti bi kliem tekniku minghajr ma spjegalhom xejn. U l-aktar, meta kienu qed jiffirmaw dikjarazzjonijiet ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz, bhal meta ffirmaw li s-servizz moghti lilhom kien dak ta' *promotion and selling,*[4] liema dikjarazzjoni tinkludi li gew spjegati lilhom ir-riskji marbuta mal-prodott u li ma kinux qed jircievu parir ta' investiment.

L-Arbitru jqis din id-dikjarazzjoni bhala inveritiera meta wiehed iqis il-livell ta' edukazzjoni li kellhom l-ilmentaturi u x-xoghol li kienu jaghmlu. Hadd minnhom ma kien espert fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u kienu jiddependu totalment fuq il-pariri tal-provditur tas-servizz.

Ghalhekk, din id-dikjarazzjoni waheda turi li l-provditur tas-servizz kien qed jiehu dikjarazzjonijiet sempliciment biex jezonerawh mill-obbligi tieghu.

Mill-istess *File Note* jirrizulta li l-provditur tas-servizz ittikkja kemm il-kaxxi tal-*assessment of appropriateness* u anke dawk tas-*suitability assessment*, indikazzjoni cara li la sar *appropriateness assessment* u lanqas *suitability assessment* kif kien obbligat li jaghmel skont ir-Regoli vigenti dak iz-zmien.

Li kieku kellu jittiehed li s-servizz kien verament ta' '*promotion and selling'* (haga li l-Arbitru ma jarahiex gusta li kellha ssir), xorta wahda l-provditur tas-servizz kellu jaghmel l-*appropriateness test.*

Regola 2.21[5] kienet tipprovdi li:

*'When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded.'*

[4] *A fol.* 45

[5] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* mahrugin taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta u d-Direttiva *MiFID*

Ghalkemm il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi kellhom l-esperjenza fl-investimenti, dan ma kienx minnu u mhux skont ir-regola msemmija.

Biex klijent jitqies li jkollu *'the necessary experience and knowledge'* dan irid ikun b'mod li l-klijent jifhem *'the risks involved* ***in relation to the product or Investment Service offered or demanded****.*'[6]

Il fatt li l-provditur tas-servizz, dejjem b'inizjattiva tieghu, investa flus l-ilmentaturi f'zewg prodotti qabel - li t-tnejn fallew - ma jfissirx li l-ilmentaturi kisbu dik l-*'experience and knowledge'* li setghu jifhmu r-riskji abbinati mal-***junior subordinated bond*** li l-provditur tas-servizz ghogbu joffrilhom.

Ghalhekk, kieku sar *appropriateness test* tajjeb, genwin u professjonali kellu jirrizulta lill-provditur tas-servizz li l-*SNS* ma kienx prodott idoneju ghall-ilmentaturi.

Mill-provi migjuba mill-ilmentaturi jirrizulta li l-provditur tas-servizz ma hax in kunsiderazzjoni l-età taghhom u l-*loss absorption capacity* taghhom.

Fl-età tal-ilmentaturi ma kienx ghaqli u lanqas diligenti li xi hadd jinvesti f'bank li kien digà inghata *bail out* qawwi mill-Gvern u li kellu zmien biex ihallsu lura; u f'dawn ic-cirkostanzi fejn il-bank seta' jfalli ghaliex il-qaghda tieghu kienet imweghra, aktar u aktar ma messux inghata *junior subordinated bond* li, f'kaz ta' falliment, jirrankja wara s-*senior bonds,* wara l-Gvern u wara kulhadd.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jispjegalhom ezattament fejn flushom kienu ser jigu investiti u anke jispjegalhom xi tfisser '*subordinated bond'* u r-riskji marbutin maghha. Minn dan il-provditur tas-servizz m'ghamel xejn.

L-Arbitru lanqas jista' ma jinnutax il-mod kif gew ittrattati l-ilmentaturi wara li l-prodott mar hazin. Ma sabu l-ebda konfort mill-kumpanija jew id-diretturi taghha ghaliex sempliciment intqal lilhom li l-kumpanija kienet giet sospiza mill-*MFSA* u li issa kellhom imorru ghand *Sparkasse Bank* (li huma ma kinux jafu) u jekk ikun hemm ahbar jaghtihielhom hu. Dan mhuwiex atteggjament professjonali kif kien mistenni minn provditur tas-servizz f'dan il-qasam.

[6] *Bold* tal-Arbitru

Ghalhekk, minn dak li ntqal jirrizulta li l-prodott *SNS* la kien *suitable* u lanqas *appropriate* ghall-ilmentaturi; ma kienx jirrispekkja r-riskju li kienu lesti li jiehdu; ma kienx jippriserva l-kapital, kif huma xtaqu, u gew moghtija stampa sabiha meta fil-fatt ma kinetx.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz wera nuqqas ta' *bona fede* meta qal lill-ilmentaturi sabiex jiffirmaw dokumenti li, fil-fatt, kienu essenzjalment dokumenti b'hafna klawsoli ta' ezoneru ghall-istess provditur tas-servizz u kienu qed jiffirmaw bil-kontra ta' dak li kien qed jintqal lilhom.

F'dan il-qasam, il-fatt li klijent jiffirma dak li jintqal lilu ma jammonta ghal ebda ghadd ta' negligenza min-naha tal-klijent ghaliex, fejn ghandek servizz specjalizzat, ghandek zbilanc qawwi fin-negozjar u ghandek '*the stronger and the weaker party'.*

Hemm ukoll l-element ta' fiducja li l-ilmentaturi taw lill-provditur tas-servizz u, ghalhekk, qaghdu fuq dak li qalilhom ghax fdawh. Li kieku l-provditur tas-servizz ma kellux x'jahbi, messu tahom kopja tad-dokumenti li kienu iffirmaw u mhux kellhom jithabtu wara li kkollassa kollox biex jiksbu kopja taghhom.

Ghandhom ragun l-ilmentaturi jghidu li hassewhom ingannati. Ghalhekk l-element ta' *bona fede* - li hu l-bazi ta' kull ftehim - f'dan il-kaz kien nieqes min-naha tal-provditur tas-servizz.

Imma, barra minn hekk, kemm is-servizz li inghata, kif ukoll il-prodott mibjugh, ma kinux  jilhqu l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentaturi fil-mument tal-bejgh, u lanqas wara. Il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta[7] jqis dan l-aspett bhala wiehed mill-kriterji li jrid juza l-Arbitru sabiex jasal ghall-konkluzjoni jekk l-ilment hux gustifikat jew le.

Lanqas ma jista' l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-provditur tas-servizz agixxa skont il-prassi professjonali kif jipprovdi l-istess Att.

Meta l-Arbitru ra sew id-dokumenti li l-ilmentaturi gew moghtija biex jiffirmaw, seta' jinnota li whud minnhom, bhall-*File Note,* gew ipprintjati b'tipi zghar biex l-ezoneru tal-kumpanija jkun wiehed komplut. Hafna drabi, dawn il-klawsoli b'tipi zghar fuq *standard form contracts,* ikunu whud mill-aktar klawsoli

[7] Art. 19(3)(c)

importanti u, galadarba huma importanti, il-kummercjant ghandu jaghmilhom b'tipi akbar u mhux b'tipi izghar.

Barra minn hekk, l-Artikolu 47 tal-Kap. 378 jghid car u tond li:

***'47. (1) F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom.'***

Dan ikompli jikkonvinci lill-Arbitru li l-provditur tas-servizz ma qiesx l-interess tal-konsumatur, kif kien marbut li jaghmel skont l-i*Standard Licence Conditions* u d-Direttiva *MiFID*.[8]

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentaturi investew is-somma ta' €3,700 u inghataw imghax ta' €250. Ghalhekk tilfu s-somma ta' €3,450.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artiklu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' tlett elef, erba' mija u hamsin ewro (€3,450).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[8] Reg. 2.01